**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri**

**Is-Seba' Leġislatura**

## Laqgħa Nru. 58

It-Tnejn 18 ta' Settembru, 2017

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | | |
|---|---|---|
| | Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| | Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**18 ta' Settembru, 2017**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**58.1.01** Il-Viċi Sindku, Emanuel Mintoff informa lis-Segretarju Eżekuttiv li minħabba mpenji f'Malta huwa possibbli li ma jkunx jista' jattendi l-laqgħa fil-ħin jew ma jkunx jista' jilħaq li jattendi l-laqgħa xejn.

## 58.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-57.

**58.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa numru 57 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**58.3.01** Ċirkulari Nru. 25/2017 – Seminar dwar il-preżentazzjoni ta' l-Istqarrijiet Finanzjarji għall-2017 (Direttiva Nurmru 1/2017).

**58.3.02** Avviż Mis-Sur Michael Cohen (Advisor) Local Councils Affairs – Transport Malta – sabiex il-Kunsilli Lokali kollha ma joħorġux permessi biex jingħalqu jew isiru interventi fit-toroq mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is 7 :00 a.m. u d-9 :00 a.m.

**58.3.03** Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Commonwealth Local Government Conferences (CLGC) bejn il-21 u l-24 ta' Novembru 2017. Għal dawn il-konferenzi huma mistiedna s-Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera.

**58.3.04** Cir AKL 69/2017 – Transport Malta Stakeholder Consultation Meeting 02.10.17. Aġenda tal-laqgħa li huma mistiedna s-Sindki, Vici Sindki u Kunsilliera.

**58.3.06** Cir AKL 66/2017 Laqgħa Plenarja u Laqgħa tas-Sindki. Il-laqgħa plenarja ser tinżamm nhar is-Sibt 30 ta' Settembru fis-San Antonio Hotel and Spa, San Pawl il-Baħar. Is-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera huma mistiedna.

**58.3.07** Acknowledgement mingħand id-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern dwar restawr fin-niċċa fi Triq Salvu Gambin kantuniera ma' Triq il-Knisja.

**58.3.08** Risposta mingħand IURIS Advocates dwar il-kwistjoni mal-korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-ilma.

**58.3.09** Email mingħand "Friends of the Earth Malta" dwar proġett ta' kreazzjoni ta' areas hodor. Il-Kunsilliera qablu li l-lokalita' tal-Għasri tagħmel użu mill-Wied tal-Għasri għal dan il-għan.

**58.3.10** Invit mill-Valletta 2018 Foundation għall-konferenza annwali “Living Cities, Livable Spaces: Place Marketing & Identity bejn it 22 u il-24 ta’ Novembru 2017.

**58.3.11** Ittra mid-Direttur, Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport dwar ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsilli Lokali.

## 58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**58.4.01** Il-Kunsilliera staqsew għaliex is-soft area madwar is-siġra tal-pjazza ma ġietx imħawla bil-fjuri. Is-Sindku qal li jixtieq li din issir bit-turf u ċakk simili għal dik li hemm fl-entratura tar-raħal. Ġiet diskussa il-manutenzjoni fuq it-turf u l-bżonn li jkun hemm ilma sabiex dan jissaqqa. Il-Kunsilliera qablu li għal issa din ir-roundabout titħawwel bil-fjuri.

## 58.5 Nomini – Premju Ġieħ l-Għasri.

**58.5.01** Il-Kunsill irċieva 27 nomina għas-Sur Anthony Calleja biex jiġi mogħti Premju Ġieħ l-Għasri. Kien hemm ħames nominazzjonijiet oħra għal ħames persuni differenti. Il-Kunsilliera kollha qablu li l-premju għandu jingħata lil Anthony Calleja. Is-Sindku qal li meta avviċina lis-Sur Calleja biex jingħata dan il-premju fis-snin preċedenti, hu dejjem irrifjuta. Il-Kunsilliera qalu li jekk is-Sur Calleja jirrifjuta dan il-premju, din is-sena ma jingħatax bħala turija ta’ rispett lejn is-Sur Calleja.

## 58.6 Programm għal Jum l-Għasri.

**58.6.01** Is-Sindku ssuġġerixxa li l-quddiesa ta’ Radd il-Ħajr fl-okkażjoni ta’ Jum l-Għasri issir nhar il-Ħadd 1 ta’ Ottubru fl 10:00 ta’ filgħodu. Fit-tmien tal-quddiesa jkun hemm il-preżentazzjoni tal-Premju Ġieħ l-Għasri jekk dan jiġi aċċettat. Wara jkun hemm bibita fis-sala taċ-Ċentru tal-Parroċċa. .

## 58.7 Attivita’ Kulturali f’Settembru: Traditions – Wine, Olive Oil & Honey

**58.7.01** Il-preparamenti għall-attivita’ ta’ nhar is-Sibt 23 ta’ Settembru huma lesti. Il-Kunsilliera ġew mitluba biex ikunu preżenti kmieni peress li l-Queen’s Baton Relay għandhom jaslu kmieni. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jagħti l-għajnuna lill-Kumitat tal-Festa f’din l-attivita’ permezz ta’ xiri tal-ħanżir li ser jissajjar għal din l-attivita.

## 58.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti.

**58.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta’ pagamenti nru 7-058 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 58.9 Mozzjonijiet.

**58.9.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 58.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.

**58.10.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum it-Tnejn 18 ta' Settembru, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |